MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2012

Numru. 546/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR FRANKIE SAMMUT**
**VS**
**EDWIN MICALLEF**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Edwin Micallef ta’ 34 sena, bin Emanuel u Isabelle nee’ Cachia, mwieled Pieta’ nhar is- 16 ta’ Settembru 1977, residenti 17, Our Kennel, Triq in- Naffra, Naxxar u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 506577M;

Talli fis- 16 ta’ April 2012 u jew fil- perjodu ta’ qabel din id-data, fl- inhawi ta’ Rahal Gdid, ikkommetta serq ta’ oggett u cioe’ Barriers tal- hadid liema serq, li sar ghad-detriment tal- korp tal- Pulizija ta’ Malta u/jew perusni ohra, huwa kkwalifikat bil- valur li jammonta ghal aktar minn €116.47 imma mhux aktar minn €2329.37 u bil- hin;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’din il-kawza, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 261, 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------